# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-25 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 20 ta' April 2026 fis-6:10 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**25.01 Talba**

25.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**25.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

25.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**25.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 24**

25.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 24 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**25.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.04.01 Is-Sindku infurmat li x-xogħlijiet fil-pjazza tlestew. Hija qalet ukoll li nhar il-Ġimgħa li għadda saret konferenza stampa fil-Pjazza indirizzata mill-Onor. Omar Farrugia, li għaliha l-Kunsill kien mistieden, fejn, wara t-tlestija tax-xogħlijiet fil-pjazza, huwa ħabbar li ser tittella' attività fl-istess pjazza nhar il-25 ta' April 2026. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.02 Is-Sindku infurmat li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ppubblika t-tender relatat max-xogħlijiet tal-ġnien li ser isir fuq il-ġibjun. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.03 Is-Sindku qalet li matul dan ix-xahar ġiet iffirmata d-devoluzzjoni tal-arja ta' fuq il-latrina pubblika fi Triq Karmenu Ciantar. Dan l-iffirmar sar waqt konferenza stampa fl-uffiċċju tal-Kunsill, li għaliha kienu mistiedna l-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.04 Is-Sindku infurmat li x-xogħolijiet imwettqa minn Infrastruttura Malta (IM) fi Triq Mons. Alfons Caruana u fi Triq il-Franka ġew finalizzati, u li ż-żewġ toroq ġew asfaltati. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.05 Is-Sindku rreferiet għall-ħofor fi Triq tas-Sejba u Triq l-Imterrqa, li kienu previsti li jsiru permezz ta' *direct order* mill-kuntrattur li kien qed iwettaq xogħlijiet ta' IM fi Triq il-Lanġasa u fl-isqaqien, iżda dawn baqgħu ma sarux minkejja li s-Sindku reġgħet ikkomunikat miegħu, u l-kuntrattur infurmaha li ma setax iwettaqhom. Is-Sindku talbet lill-kunsillieri preżenti sabiex, jekk ikunu jafu b'xi kuntrattur disponibbli għal xogħlijiet żgħar ta' dan it-tip, jgħaddu l-kuntatti lill-Kunsill, peress li qed ikun diffiċli li jinstabu kuntratturi għal tali xogħlijiet. Hija fakkret ukoll li t-tender relatat mal-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini ġie ppubblikat aktar minn darba, iżda ma ġiet sottomessa ebda offerta. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.06 Is-Sindku infurmat li tkellmet mal-Ministru responsabbli, l-Onor. Miriam Dalli, wara li ma rnexxilhiex tasal mal-*Cleansing Department* dwar it-tindif ta' Triq tas-Sejba. Wara din il-komunikazzjoni, id-Direttur Ġenerali tal-*Cleansing* ikkuntattja lis-Sindku u spjega li kien hemm ħsara fil-*bobcat*, li kkawżat dewmien fix-xogħlijiet. Id-Direttur Ġenerali infurmaha li l-ħsara fuq il-makkinarju issa ġiet irranġata u li parti mit-triq bdiet titnaddaf nhar il-Ġimgħa li għadda, filwaqt li x-xogħol mistenni jitkompla u jitlesta matul din il-ġimgħa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.07 Is-Sindku rreferiet għas-suletta li nbniet fi Sqaq l-Isptar bħala lqugħ għal ħajt ta' proprjetà privata li jidher perikoluż. Hija spjegat li x-xogħol sar minn qariba tas-sid tal-proprjetà mingħajr il-permessi meħtieġa, wara li kien sar kuntatt mal-Kunsill biss għal permess ta' makkinarju. Wara lmenti mingħand residenti, sar rapport l-Għassa tal-Pulizija mis-SE tal-Kunsill fuq struzzjonijiet tas-Sindku, u sussegwentement saret laqgħa bejn il-partijiet involuti. Is-Sindku ċċarat li l-intervent sar *in good faith* sabiex jitneħħa kull periklu possibbli. Madanakollu, il-Pulizija talbet lill-Perit involut sabiex jiżgura li jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa. Ġie miftiehem li tingħata ġimgħa ċans sabiex is-suletta titneħħa u tinstab soluzzjoni alternattiva, u fil-fatt is-suletta tneħħiet matul il-ġimgħa li għaddiet. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.08 Is-Sindku infurmat li ġiet ikkuntattjata mill-Onor. Omar Farrugia sabiex jiġi ffirmat *maintenance agreement* relatat mal-Pjazza tal-Knisja. Hija spjegat li talbet kopja tal-ftehim lill-Onor. Farrugia u infurmatu li xtaqet tikkonsulta mal-avukat tal-Kunsill qabel ma jiġi ffirmat. Il-kopja tal-ftehim waslitilha ftit ħin qabel il-laqgħa tal-Kunsill u bagħtitha lill-avukat sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill ma jkunx qed jieħu fuqu ċerta obbligi jew responsabbiltajiet, inkluż fir-rigward tal-*ownership* tal-pjazza. Hija żiedet li x-xogħol fil-pjazza tlesta u bħalissa għaddej il-perjodu ta' *curing* għal madwar ħmistax-il ġurnata, bil-pjazza tibqa' magħluqa għat-traffiku sal-aħħar tax-xahar, filwaqt li tibqa' aċċessibbli għall-*pedestrians*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.09 Is-Sindku infurmat li l-*accountant* il-ġdid qed javvanza tajjeb fix-xogħol tal-*accounts*, fejn ġew identifikati diversi nuqqasijiet li kienu tħallew mill-*accountant* preċedenti, fosthom nuqqas ta' ċerti *reconciliations*. Hija żiedet li l-*accountant* qed jiggwida lis-S.E. fir-rigward tar-rapporti meħtieġa u qed jispjega x-xogħol li sar s'issa u l-proċeduri li se jiġu segwiti. Is-Sindku faħħret ix-xogħol professjonali tal-*accountant* kif ukoll lid-Direttur Ġenerali, Emil Vassallo, għar-rakkomandazzjoni tal-kumpanija. Hija żiedet li qed isir kull sforz sabiex jiġu rispettati l-iskadenzi tal-awditjar sa Ġunju, minkejja li l-*accountant* kellu kellu jaħdem fuq l-aħħar sitt xhur tas-sena preċedenti sabiex jagħlaq is-sena finanzjarja filwaqt li jifhem il-proċessi li kienu qed jiġu segwiti qabel. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.10 Is-Sindku semmiet il-każ relatat mal-vakanza tal-kariga ta' *Administration Officer I* fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imqabba u rreferiet għal-laqgħa li saret mal-Avukat tal-Kunsill, kif ukoll għal laqgħa oħra ma' *Jobsplus* fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali E. Vassallo (DĠ) u tal-Avukat tal-Kunsill, fejn *Jobsplus* ikkonfermat li ma setgħetx tirreġistra l-kandidata għall-kariga minħabba li l-kwalifiki tagħha ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa. Hija żiedet li, matul laqgħa oħra li saret illum mal-kandidata fil-preżenza tad-DĠ, ġew spjegati lilha diversi għażliet ta' ingaġġ skont il-kwalifiki tagħha, u li hija se tevalwahom qabel tagħti deċiżjoni lill-Kunsill. Is-Sindku semmiet ukoll li, skont parir tad-DĠ, suġġett għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill jista' jagħti l-kumpens mitlub mill-kandidata għall-perjodu li ilha mingħajr impjieg, f'każ li ma taċċettax l-għażliet proposti. Is-Sindku żiedet li sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili fil-futur, il-kwalifiki sottomessi mal-applikazzjonijiet se jiġu riferuti lil *Jobsplus*, lill-*LCA* jew lill-*HR* tad-Dipartiment sabiex jiġi kkonfermat minn qabel min hu eliġibbli għall-intervista. Il-membri preżenti ddiskutew is-suġġett u qablu li jistennew ir-risposta tal-kandidata sabiex il-Kunsill jimxi skont il-każ.

25.04.11 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li, wara l-ftuħ tat-tender għall-Perit, l-evalwazzjoni mill-bord u l-kjarifika meħtieġa mingħand l-irħas offerent, ġie kkonfermat li huwa disponibbli jipprovdi s-servizz tiegħu matul il-ġurnata. L-offerent spjega li bħalissa qed jaħdem għal rasu, għandu l-uffiċċju tiegħu u diġà qed jipprovdi servizzi lil Kunsilli Lokali oħra. Wara l-evalwazzjoni u l-kjarifika meħtieġa, is-Sindku pproponiet li jintagħżel l-irħas offerent. Il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament ma' dan.

25.04.12 Is-Sindku infurmat li saret il-konferenza tal-aħbarijiet dwar l-attività "Stilel Taħt il-Kampnar", li ser tittella' nhar is-Sibt 2 ta' Mejju 2026 fil-Pjazza tar-raħal. Hija żiedet li l-promozzjoni tal-attività għaddejja b'mod regolari u li twaħħlu wkoll diversi *banners* promozzjonali. Is-Sindku ħeġġet lill-membri preżenti sabiex ikomplu jippromwovu din l-attività anke min-naħa tagħhom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.04.13 Is-Sindku infurmat li permezz ta' *Facebook* saret taf b'attività organizzata mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, li ser tittella' fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija nhar id-29 ta' Mejju 2026. Hija spjegat li dakinhar stess kienet ġiet infurmata mis-Segretarju tas-Soċjetà dwar l-imsemmija attività u li talabha n-No Objection tal-Kunsill, filwaqt li skuża ruħu li ma kienx informa lill-Kunsill minn qabel, peress li ma ridux jiżvelaw l-attività qabel iż-żmien. Is-Sindku qalet li l-organizzaturi assigurawha li ser jieħdu ħsieb it-*traffic management* u t-tindif, iżda xorta waħda kienet tal-fehma li l-Kunsill għandu jiltaqa' mas-Soċjetà, b'mod partikolari minħabba l-għeluq tal-*bypass* u l-impatt fuq it-traffiku, it-trasport pubbliku u t-trasport tal-iskola, kif ukoll minħabba attivitajiet relatati mal-Festa li s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju jista' jkollha skedati għal dakinhar. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul il-kwistjoni u, filwaqt li qablu li l-Kunsill kellu jiġi avżat minn qabel, iddeċidew li ssir laqgħa mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V nhar it-23 ta' April 2026 fis-7:00 p.m.

25.04.14 Is-Sindku infurmat li nhar l-20 ta' April 2026 saret konferenza tal-aħbarijiet fejn tħabbar li l-lokal tal-Imqabba ġie magħżul, flimkien ma' 14-il lokal ieħor minn total ta' madwar 45 lokalità, sabiex jorganizza attività taħt il-programm "Minn Pjazza għal Pjazza". Hija rringrazzjat lil Joe Julian Farrugia, lil Gordon u lil Ġorġ tal-Kantera tal-kontribut tagħhom fil-preparazzjoni tal-proposta, li għaqqdet it-tema tal-ġebla tal-Imqabba ma' rappreżentazzjoni ta' tieġ tradizzjonali antik relatat mal-familja tal-Mastru tal-Imqabba. L-attività ser tinkludi l-banda, l-armar tal-pjazza, u riċeviment fejn il-pubbliku preżenti ser ikun parti mill-esperjenza bħala mistednin tat-tieġ. Is-Sindku żiedet tgħid li issa ser jibdew it-taħditiet mat-*team* ta' "Minn Pjazza għal Pjazza", li ser jieħu ħsieb diversi aspetti organizzattivi tal-attività. Il-Kunsill ippropona żewġ dati possibbli matul ix-xahar ta' Settembru, filwaqt li qed jistenna konferma finali dwar liema data ser tintgħażel għall-organizzazzjoni tal-attività. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

25.04.15 Is-Sindku infurmat li matul ix-xahar ta' Settembru ser tiġi organizzata mawra fi Sqallija, filwaqt li fix-xahar ta' Mejju ser tiġi organizzata ġurnata f'Għawdex. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota

**25.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

25.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa jekk huwiex possibbli li ssir *parking bay* bajda fi spazju eżistenti fi Triq Ħal Kirkop fejn bħalissa ma hemm l-ebda marka tat-triq, iżda fejn regolarment jipparkjaw fih minħabba li l-ispazju jippermetti dan. Is-Sindku spjegat li, minkejja li vettura toqgħod fl-imsemmi spazju, kull min jipparkja hemm, qed jagħmel dan għar-riskju tiegħu, għaliex il-post jinsab f'kantuniera u, skont il-liġi, mhux permess ipparkjar fil-ħames metri minn kantuniera. Għaldaqstant, ma tistax issir *parking bay* bajda fl-imsemmi spazju. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk tistax tiġi infurmata l-Perit tal-*Public Works* dwar il-parti fejn ingħata t-*tarmac* fi Triq Santa Katerina, peress li apparti żewġ magħqad ta' ilma li feġġew, qed jinqala' wkoll it-tarmac. Is-Sindku spjegat li sitwazzjoni simili kienet seħħet fi Triq Baskal Xuereb u, wara li kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Perit ta' *Infrastructure Malta*, kienet infurmatha li huwa normali li jinqala' xi ftit mit-*tarmac* sakemm joqgħod sew. Minkejja dan, il-Kunsillier Galea insista li l-kwistjoni tiġi riferuta lill-Perit, peress li seta' kien hemm il-possibbiltà li t-*tarmac* kesaħ waqt ix-xogħol tal-kisi tat-triq. Is-Sindku talbet lis-SE tinforma lill-Perit. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-bankina perikoluża fi Triq Santa Katerina, fejn ix-*shelter manhole* għadu ma sarx. Is-Sindku spjegat li dan ix-xogħol kellu jitwettaq mis-sid tal-proprjetà privata involuta, peress li l-bankina għadha taħt garanzija. Madankollu, skont korrispondenza riċevuta mingħand il-Perit tal-*Public Works*, is-sid tal-proprjetà kellu diffikultajiet li ma ppermettewhx jagħlaq ix-*shelter manhole*. Għaldaqstant, kellhom jingħataw struzzjonijiet lill-kuntrattur tal-*Public Works* sabiex iwettaq ix-xogħol hu. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex tikkuntattja lill-Perit dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

25.05.04 Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li d-dawl tar-*roundabout* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti għadu ma jixgħelx. Is-Sindku wieġbet li waħda mil-lampi qed tiffunzjona filwaqt li l-oħra għadha mitfija. Il-Kunsillier Galea żied ukoll li hemm lampa oħra mitfija biswit il-ġnien, viċin iż-*zebra crossing*, fil-parti li tagħalaq. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-ħinijiet ta' tħaddim tal-funtana fil-Ġnien tal-Mentna. Il-Viċi Sindku wieġeb li l-funtana tkun mixgħula matul il-ġurnata sa nofsillejl, b'waqfa qasira f'ċertu ħinijiet, filwaqt li bejn nofs il-lejl u s-sitta ta' filgħodu tibqa' mitfija. Huwa żied jgħid li s-sistema topera permezz ta' timer. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp ma' TM dwar l-operat tat-trasport pubbliku, ladarba tlestew ix-xogħlijiet fil-Pjazza u dalwaqt tinfetaħ lura għat-traffiku. Is-Sindku qalet li s-suġġett jeħtieġ diskussjoni fuq livell ogħla u fakkret li, waqt laqgħa mad-DG tal-*Public Works* u ċ-*Chief of Staff* tal-Onor. O. Farrugia, kien issemma li setgħu jibdew jgħaddu vetturi iżgħar jew vannijiet tat-trasport pubbliku mill-Pjazza, iżda s'issa ma jidhirx li sar ebda żvilupp. Hija fakkret li, fl-imsemmija laqgħa, kienet qalet li mhix kontra l-proposta, iżda li jinħtieġu diskussjonijiet mal-entità konċernata, peress li l-proċess mhux wieħed faċli, kif kien ukoll il-każ tat-tneħħija tal-venda minn Triq Karmenu Ciantar. Is-Sindku qalet li ladarba l-*Public Works* jagħmel parti mill-Ministeru tat-Trasport, ikun xieraq li l-inizjattiva titmexxa minn hemm. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.07 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hemmx xi *update* dwar il-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella minn *Projects Green*, wara l-Laqgħa Pubblika li kienet saret f'Jannar 2026. Is-Sindku wieġbet li *Projects Green* għadhom qed jistennew il-*clearance* mingħand Transport Malta. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.08 Il-Kunsillier Galea staqsa għal kemm-il sena huwa l-*lease agreement* relatat mad-devoluzzjoni tal-arja ta' fuq il-Latrina Pubblika. Is-Sindku wieġbet li l-ftehim huwa għal perjodu ta' ħames snin, li jiġġedded, u li l-kera tammonta għal EUR 500 fis-sena. Il-Kunsillier Galea staqsa wkoll jekk huwiex minnu li l-uffiċini tal-Kunsill ser ikunu rilokati fuq il-Latrina Pubblika, kif ġie rrappurtat fil-*media*. Is-Sindku spjegat li kien hemm żball fir-rappurtaġġ tal-*media*, filwaqt li qalet li waqt il-Konferenza tal-Aħbarijiet qatt ma ssemmew l-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.09 Il-Kunsillier Galea staqsa għal *update* dwar l-Isptar il-Qadim, fejn is-Sindku infurmat li x-xogħol ta' restawr tlesta u li, peress li l-Kunsill ingħata fondi mill-LESA għal dan il-proġett, qed tistenna data mill-Ministru għall-inawgurazzjoni uffiċjali. Hija kkonfermat ukoll li l-Kunsill għadu bi ħsiebu jibda jopera mill-Isptar il-Qadim u spjegat li l-Kunsill ingħata fondi taħt l-iskema SPI/SCI/07/2025 sabiex jinbeda l-proġett tat-tagħmir tal-binja, filwaqt li se japplika għal fondi addizzjonali peress li dawk approvati mhumiex biżżejjed. Is-Sindku żiedet li ladarba jiġi ingaġġat il-Perit tal-Kunsill, ikun jista' jibda jaħdem fuq it-tender tal-proġett. Dwar l-ispiża tar-restawr s'issa, is-Sindku qalet li ċ-ċifri eżatti jistgħu jiġu pprovduti mis-S.E., filwaqt li fakkret li t-tender kien jammonta għal madwar €120,000. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.10 Il-Kunsillier Galea talab informazzjoni dwar il-parteċipanti fl-attività kulturali "Stilel Taħt il-Kampnar". Is-Sindku fakkret li dawn kienu diġà ġew imsemmija fil-laqgħa preċedenti u reġgħet elenkat fosthom il-*Brass House Unit*, Lisa Gauci, DJ Sue u kantanti tal-lokal. Hija infurmat ukoll li l-ħruq tan-nar tal-ajru ser isir minn fuq il-bjut taż-żewġ każini tal-banda. Fir-rigward tal-ikel, spjegat li dan ser jinbiegħ minn ġol-każini, filwaqt li fil-pjazza ser ikun hemm biss bars. Dwar il-palk, is-Sindku qalet li għal din l-edizzjoni ser jitpoġġa bejn Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq id-Duluri minħabba l-ħruq tan-nar tal-ajru. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.11 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk Triq Dun Nikol Zammit hijiex ser terġa' tinkesa. Is-Sindku spjegat li x-xogħol relatat mat-trinka li kienet qed issir mill-*WSC* issa tlesta, u li fil-każ li t-triq tkun għadha taħt garanzija, l-entità /kuntrattur ikun obbligat li jerġa' jiksi t-triq kollha u mhux biss jagħmel *reinstatement* fuq il-parti fejn sar ix-xogħol. Hija żiedet li sal-lum, il-Kunsill għadu ma ġiex infurmat dwar x'azzjoni ser tittieħed eżattament. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

25.05.12 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar iż-żewġ arbli li għadhom ma tneħħewx minn Triq il-Franka qabel ma t-triq ingħatat it-*tarmac* minn IM. Is-S.E. infurmat li l-Enemalta kienet ġiet infurmata sabiex issir id-*disconnection* tal-lampa fuq wieħed mill-arbli, iżda l-kuntrattur tal-Kunsill ma setax iwettaq ix-xogħol minħabba xogħlijiet li kienu għaddejjin fit-triq mill-kuntrattur ta' IM. Fir-rigward tal-arblu temporanju l-ieħor, dan ma setax jitneħħa minħabba *cables* tal-GO u tal-Melita, fejn minkejja li saret it-talba meħtieġa biex jitneħħew, sal-lum għadu ma wasal ebda rispons mingħand iż-żewġ kumpaniji. Hija żiedet li l-Perit ta' IM kienet infurmata bis-sitwazzjoni qabel ma t-triq ingħatat it-*tarmac*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.13 Il-Kunsillier Galea reġa' qajjem il-punt dwar jekk fil-passat, meta l-Pjazza kienet għadha bit-*tarmac*, kienx hemm *disabled bay* biswit iż-żebbuġa, kif kellu l-impressjoni hu. Ġie ċċarat li *disabled bay* żgur li kien hemm waħda ħdejn is-Salib tad-Dejma u li aktar tard kienet ġiet rilokata lejn Sqaq il-Knisja. Il-Kunsillier Galea talab sabiex issir verifika dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar ħofra fi Triq Valletta li kien irrapporta preċedentement. Is-Sindku infurmat li IM huma konxji tal-każ, peress li r-rapport diġà ntbagħat lilhom. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex jintbagħat *reminder* dwar dan il-każ, b'kopja lis-*CEO* ta' IM u lill-Ministru kkonċernat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta'dan.

25.05.15 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hemmx xi żvilupp dwar il-proġett tal-Mitħna fi Triq il-Qrendi. Is-Sindku infurmat li ntalbet estensjoni oħra sabiex ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jitkomplew sa tard bil-lejl, filwaqt li jidher li għad fadal aktar xogħol xi jsir. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.05.16 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar il-boroż suwed bil-ħaxix li għadhom ma nġabrux minn Triq iż-Żurrieq. Is-S.E. spjegat li, fuq istruzzjonijiet tas-Sindku, dawn ġew irrappurtati lill-*Cleansing Department*, peress li minkejja li kienu ġew irrappurtati biex jinġabru mill-kuntrattur tal-iskart goff, il-boroż tħalltu ma' boroż oħra bi skart ieħor u għaldaqstant ma setgħux jinġabru. Is-Sindku reġgħet għamlet rapport lill-*Cleansing Department* waqt il-laqgħa sabiex jittieħdu l-passi neċessarji għall-ġbir tal-imsemmija boroż. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta' dan.

**25.06 Festa Madonna tal-Ġilju 2026**

25.06 Is-Sindku infurmat li għada 21 ta' April 2026 ser issir laqgħa mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju sabiex jiġu diskussi l-arranġamenti u l-għajnuna relatati mal-festa, kif isir kull sena. Hijia qalet li sadanittant, mill-uffiċċju tal-Kunsill jistgħu jiġu bbukkjati l-ambulanza, il-*mobile toilets* u l-fjuri bħas-soltu. Is-Sindku żiedet li wara l-laqgħa jiġi deċiż x'aktar għajnuna tkun meħtieġa, filwaqt li ċċarat li minn din is-sena s-Soċjetà ser tkun responsabbli sabiex tressaq hija stess it-talbiet relatati mal-għeluq tat-toroq u mal-immaniġġjar tat-traffiku, inkluż l-applikazzjoni għas-servizz tal-*wardens*, peress li l-ispejjeż tal-gwardjani lokali jistgħu jiġu rifużi lis-Soċjetà. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**25.07 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

25.07.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**25.08 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

25.08.01 Korrispondenza dwar ħsarat allegatament mil-lampa tat-triq imwaħħla mal-faċċata ta' propjetà fi Triq il-Parroċċa, Sqaq Nru 2. Il-Kunsill ġie infurmat li r-residenti kkonfermaw, permezz tal-Avukat tagħhom, li ser jagħmlu tajjeb huma għall-ispejjeż tal-ħsarat bil-kundizzjoni li l-lampa titneħħa minn mal-faċċata tar-residenza tagħhom. L-Avukat tal-Kunsill talab id-direzzjoni tal-Kunsill dwar il-passi li għandhom jittieħdu. Il-Kunsillieri ddiskutew alternattivi sabiex iż-żona tibqa' mdawla u ġie maqbul li jintbagħat komunikat lir-residenti tal-faċċata opposta sabiex jiġi stabbilit jekk għandhomx oġġezzjoni li l-lampa titwaħħal mal-faċċata tagħhom. Ġie wkoll maqbul li tintalab direzzjoni legali dwar il-possibbiltà li jitwaqqaf arblu quddiem ir-residenza inkwistjoni sabiex il-lampa titneħħa minn mal-faċċata u titqiegħed fuq l-arblu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.08.02 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Punent relatata mal-applikazzjoni SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament "Lokalitajiet Aktar Nodfa", fejn il-Kunsill ikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu mal-istess Reġjun għall-attivitajiet tal-Clean Ups 2026. Is-Sindku pproponiet it-tindif ta' Triq Valletta l-Qadima u tal-isqaq biswit il-Kappella taċ-Ċimiterju, minħabba l-ammont ta' pal tal-bajtar li qed jostakola l-passaġġ tal-Ħajt tal-Matla. Il-Kunsillieri qablu unanimament mat-tindif taż-żewġ siti u ġie

deċiż li tintalab konferma mingħand il-*Cleansing Department* sabiex jiġi vverifikat jekk jistgħux iwettqu dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.08.03 Korrispondenza mingħand residenti ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija dwar tħassib relatat ma' periklu, storbju u duħħan ikkawżati minn vetturi li qed jużaw is-*service road* b'mod mhux xieraq, kif ukoll dwar sitwazzjonijiet ta' sewqan perikoluż fiż-żona. Ir-residenti esprimew it-tħassib tagħhom dwar is-sigurtà u l-kwalità tal-ħajja fl-inħawi, filwaqt li talbu sabiex tittieħed azzjoni qabel iseħħ xi inċident. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex terġa' tintbagħat tfakkira dwar ir-Rapport Tekniku relatat mal-*bypass*, li l-Kunsill kien ippreżenta lill-*Infrastructure Malta*, lil *Transport Malta* u lill-Ministeru konċernat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.08.04 Korrispondenza mingħand TM relatata mat-talba għal *temporary two-way* fi Triq Valletta minħabba xogħlijiet ta' manutenzjoni mill-*Public Works Department* fi Pjazza tal-Knisja u parti minn Triq il-Madonna tal-Ġilju. Is-S.E. infurmat li sal-lum għadha ma waslet ebda approvazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti. Is-S.E. ġibdet ukoll l-attenzjoni li, għall-festi tar-raħal li ġejjin, x'aktarx li l-Kunsill ser jerġa' jiffaċċja l-istess sitwazzjoni. Għaldaqstant, is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex tibgħat talba oħra lil TM għall-approvazzjoni ta' *temporary two-way* fl-istess parti tat-triq għaż-żewġ festi tar-raħal, filwaqt li ġie deċiż li, fin-nuqqas ta' approvazzjoni, it-triq ma tinbidilx għal *temporary two-way traffic.* Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**25.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

25.09.01 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa sabiex, issa li tlesta x-xogħol fi Sqaq Buħar minn IM, hux possibbli li l-Kunsill jesplora l-possibbiltà li, permezz tal-*Public Works*, issir xi għamara tat-triq fiż-żona. Is-Sindku wieġbet li, mal-ewwel opportunità minn fejn ikunu jistgħu jinkisbu l-fondi, tixtieq twettaq proġett f'parti mill-isqaq sabiex tinħoloq żona rikreattiva bħala *picnic area*. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta' dan.

25.09.02 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar in-nuqqas ta' bejgħ mill-ħwienet fil-Pjazza minħabba l-għeluq tagħha għat-traffiku kawża tax-xogħlijiet li qed jitwettqu mill-*Public Works*. Is-Sindku osservat li din is-sitwazzjoni tqajjem dubji dwar kemm ikun prattiku li l-Pjazza ssir permanentement pedonali, minħabba l-effett negattiv li qed ikollu l-għeluq temporanju fuq il-bejgħ tal-ħwienet. Hija infurmat ukoll li matul din il-ġimgħa, il-Pjazza se terġa' lura għan-normal, wara li jitlestew ix-xogħlijiet ta' tindif u ħasil tal-pjazza, filwaqt li se tibqa' pedonali biss sakemm jgħaddi l-perjodu ta' *curing* ta' 15-il jum, u wara terġa' tinfetaħ għat-traffiku. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

25.09.03 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar in-nuqqas ta' viżibilità għax-xufiera li joħorġu minn Triq il-Katakombi u Triq il-Mentna minħabba s-siġar li jinsabu fis-*service road* ta' Triq il-Konvoj. Is-S.E. infurmat li hija avżat lil Ambjent Malta dwar il-każ, fejn ġiet infurmata li, għalkemm huma jiżbru b'mod regolari, ċertu żbir huwa limitat sabiex ma jiġix affettwat it-tkabbir tagħhom. Wara diskussjoni bejn il-Kunsillieri dwar dan, is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill ineħħu l-plakka tal-ARPA relatata mal-proġett tal-bypass, ladarba l-fondi mogħtija lill-Kunsill intalbu jiġu rifużi lura u mhux ser jitħallas il-bilanċ pendenti. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**25.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/25**

25.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/25 ġiet approvata.

**25.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

25.11.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:50 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |